Nhar il-Ħadd, it-12 ta' Awissu, 2007, mill-4.00 p.m. sas-2 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira San Ġużepp, Santa Marija, San Gejtanu, Atocia u Ħal Qormi.

L-10 ta' Lulju, 2007

through the following streets: il-Kbira San Ġużepp from Blata l-Bajda to Santa Venera.

On Friday 10th August 2007, from 6.30 p.m. to 2.00 p.m. through the following streets: il-Kbira San Ġużepp, Dun Nerik Cordina Perez and Qormi.

On Saturday, 11th August 2007, from 6.00 p.m. to 2.00 p.m. through the following streets: il-Kbira San Ġużepp, Fra Diegu, Eldorado, Brighella, Santu Wistin, from San Tumas up to Farfett, Schembri, Mile End, Camelia and Ħamrun.

On Sunday, 12th August 2007, from 8.00 a.m. to 5.00 p.m. through the following streets: il-Kbira San Ġużepp, Santa Marija, San Gejtanu, Atocia and Qormi,

On Sunday, 12th August 2007, from 4.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: il-Kbira San Ġużepp, Santa Marija, San Gejtanu, Atocia and Qormi.

10th July, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 38 ta' l-2007

Stħarriġ dwar is-Sajd madwar l-Ibħra Maltin

Se jsir għadd ta' stħarriġ dwar is-Sajd/Tkarkir fl-ibħra Maltin b'seħħ immedjat sat-30 ta' Lulju, 2007.

Dawn se jkunu jikkonsisitu f'dan li ġej:

1. *Stħarriġ ta' Tkarkir tal-Qiegħ*
Il-bastiment tas-sajd Taljan *S. Anna*, Nru ta' Reġistrazzjoni MV 0292 se jagħmel l-istħarriġ imsemmi hawn fuq b'seħħ immedjat sat-30 ta' Lulju, 2007.

2. *ECHO Survey 2007*
Il-vapur ta' riċerka *G. Dalla Porta,* Nru ta' Reġistrazzjoni 4571 se jagħmel l-istħarriġ imsemmi hawn fuq b'seħħ immedjat sat-22 ta' Lulju, 2007.

3. *Ichtyoplankton Survey*
Il-vapur ta' riċerka *Urania*, Nru ta' Reġistrazzjoni 1815 se jagħmel l-istħarriġ imsemmi hawn fuq b'seħħ immedjat sal-21 ta' Lulju, 2007.

Il-baħħara huma avżati biex jieħdu ħsieb dan l-istħarriġ u jżommu 'l bogħod meta jilmħu dawn il-bastiment fl-ibħra Maltin.

L-10 ta' Lulju, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 38 of 2007

Fishing Surveys around Maltese Waters

A series of fishing/trawling surveys will be conducted in Maltese waters with immediate effect until 30th July, 2007.

These will consist of the following:

1. *Bottom Trawl Survey*
The Italian fishin vessel *S. Anna*, Registration No. MV 0292 will be conducting the above survey with immediate effect until 30th July, 2007.

2. *ECHO Survey 2007*
The research vessel *G. Dalla Porta,* Registration No. 4571, will be conducting the above survey with immediate effect until 22nd July, 2007.

3. *Ichtyoplankton Survey*
The research vessel *Urania*, Registration No. 1815 will be conducting the above survey with immediate effect until 21st July, 2007.

Mariners are requested to note the above and give a wide berth when these vessels are sighted in Maltese waters.

10th July, 2007

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Programm Nazzjonali ta' Malta fuq l-Apikoltura

Avviż għall-Applikazzjoni ta' l-Għajnuna

Il-Programm Nazzjonali ta' Malta għall-Apikoltura tfassal sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u s-suq ta' prodotti ta' l-Apikoltura. It-trobbija tan-naħal huwa settur fi ħdan l-Agrikoltura li l-funzjonijiet prinċipali tiegħu huma l-attività ekonomika u l-iżvilupp rurali, il-produzzjoni ta' l-għasel u ta' prodotti oħrajn, id-dakra tas-siġar u l-pjanti u li jinżamm il-bilanċ ekoloġiku.

Bażi Legali

Il-bażi legali għal dawn il-miżuri tniżżlet fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 797/2004 u Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 917/2004, it-tnejn li jikkonċernaw l-għajnuna diretta li tingħata fuq il-miżuri sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni kif ukoll il-promozzjoni tal-prodotti ta' l-Apikoltura. Din l-applikazzjoni għal għajnuna tagħmel riferenza għall-Avviż Legali Nru. 110 ta' l-1992 u l-Avviż Legali Nru. 213 ta' l-2004. Il-pagamenti jsiru permezz ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Avviż Legali Nru. 126 tal-2004.

Objettiv

Biex l-industrija ta' min irabbi n-naħal tiġi kkumpensata għall-problemi li qed tiffaċċja billi:
(a) Tkun imtejba l-produzzjoni;
(b) Issir promozzjoni tal-prodotti ta' l-Apikoltura

Azzjonijiet Eliġibbli

1) Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u l-għaqdiet relatati

(a) Assistenza teknika u taħriġ għal min irabbi n-naħal permezz ta' laqgħat mogħtija minn esperti b'riferenza għal kif jintgħaraf u jiġi kkontrollat il-mard kif ukoll għal kif jiġu mmaniġġati l-kolonji.
(b) Assistenza teknika biex jiġu mgħarrfa l-aspetti legali ta' l-Apikoltura.
(ċ) Preparazzjoni ta' fuljetti ta' informazzjoni

2) Kontroll tal-*Varroa*

(a) Taħriġ biex jintgħarfu s-sintomi tal-Varroa u biex tiġi kkontrollata l-marda.
(b) Spezzjonar tal-kolonji u għoti ta' pariri b'konnessjoni mal-kontroll tal-*Varroa*.
(ċ) Akkwist tal-kimika neċessarja kontra l-*Varroa*.
(d) Monitoraġġ u evalwazzjoni ta' l-aħjar metodu għall-kontroll tal-*Varroa*.

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Malta National Programme for Apiculture

Notice for Aid Application

The Malta National Programme for Apiculture was set up to improve the production and marketing of Apiculture products. Beekeeping is a sector of agriculture the main functions of which are economic activity and rural development, the production of honey and other products of the hive, the pollination of trees and plants and the maintenance of ecological balance.

Legal Basis

The legal basis for these regulations are set according to the Commission Regulation (EC) No. 797/2004 and Commission Regulation (EC) No. 917/2004, both related to direct measures for the improvement of the production and marketing of apiculture products. The application for aid also makes reference to Legal Notice No. 110 of 1992 and Legal Notice No. 213 of 2004. The payments are channelled through the Paying Agency as per provisions of Legal Notice No. 126 of 2004.

Objective

To compensate the Beekeeping Industry for the problems encountered thereby ensuring:
(a) An improvement in production.
(b) Promotion of various apiculture products.

Eligible Actions

1) Technical assistance to Beekeepers and groupings of Beekeepers

(a) Provision of formal training courses and technical assistance given by beekeeping experts with reference to disease recognition, control strategies and colony management.
(b) Technical assistance in addressing legal aspects related to the Apiculture industry.
(c) Preparation of information leaflets.

2) Control of *Varroa*

(a) Training beekeepers to diagnose and control *Varroa*.

(b) Colony inspections and provision of advice in connection with *Varroa* control.
(c) Acquisition of varroacides.
(d) Monitoring and evaluation of the best control strategies for the control of *Varroa*.

3) Għajnuna għall-ġarr tan-naħal

Għajnuna biex ikunu jistgħu jinxtraw attrezzi żgħar li jintużaw għall-ġarr tan-naħal, eżempju: ċineg li jagħlqu l-kaxxi tan-naħal.

4) Għajnuna għal-laboratorji li jagħmlu analiżi ta' l-għasel.

(a) Jiġu analizzati kampjuni ta' għasel għall-kontenut kimiku.
(b) Għajnuna biex jiġi stabbilit laboratorju nazzjonali fejn tkun tista' ssir analiżi ta' l-għasel fuq bażi regolari.
(ċ) Taħriġ għall-ħaddiema sabiex ikunu jistgħu janalizzaw l-għasel fil-laboratorju.

5) Għajnuna biex jiżdied in-numru ta' frieħ tan-naħal

(a) Assistenza teknika biex jitwaqqaf programm għall-produzzjoni ta' rġejjen tan-naħla Maltija.
(b) Assistenza biex jintgħażlu razez ta' naħal li għandhom kwalitajiet tajbin.

6) Riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti tan-naħal

(a) Xogħol ta' riċerka ma' entitajiet speċjalizzati fuq l-impatt tal-*Varroa* f'Malta u biex jinstab l-aħjar mudell ta' trattament li jkun adattat għall-klima tagħna.
(b) Xogħol ta' riċerka fuq il-produzzjoni u benefiċċju għas-saħħa tal-*propolis*, *royal jelly*, *pollen* u *bee venom*.

Benefiċjarji Eliġibbli

Kull min hu rreġistrat mat-Taqsima ta' l-Apikoltura kif ukoll l-għaqdiet fis-settur ta' l-Apikoltura jistgħu japplikaw għal dawn il-fondi.

Dawk l-għaqdiet tan-naħal jew min irabbi n-naħal li jkunu diġa ħadu għajnuna fuq l-istess miżuri tal-Programm Nazzjonali ta' l-Apikoltura mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1257/99 li kien jitratta l-Iżvilupp Rurali jew mill-fondi EAGGF, mhumiex eliġibbli.

Dokumenti Neċessarji

(a) Kopja tal-Karta ta' l-Identità;
(b) Fil-każ ta' Għaqda: l-Istatut u lista tal-membri assoċjati;
(ċ) Fil-każ ta' Għaqda li tapplika għall-fondi taħt il-miżura numru wieħed (Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u għaqdiet relatati) iridu jiġu ppreżentati: Programm fid-dettall ta' attivitajiet u Pjan Finanzjarju. Wara li jseħħ il-Programm irid isir Rapport ta' Evalwazzjoni tal-programm.

3) Rationalization of transhumance

Provision for the funding of small equipment used for the movement of hives e.g. closure belts for hive boxes.

4) Measures to support laboratories that analyse honey

(a) Chemical analysis of honey samples.

(b) Provision to set up a national laboratory for the routine analysis of honey.
(c)Training of staff to be able to analyse honey in the laboratory.

5) Measures to support the restocking of hives

(a) Technical assistance for the setting up of a programme for the rearing of Maltese honeybee queens
(b) Assistance for the selection of races of bees having good characteristics

6) Research in beekeeping and bee products

(a) Research work with specialized bodies on the impact of *Varroa* in Malta and to explore optimal treatment regimes for the local climatic conditions
(b) Research work on the production and health potential of propolis, royal jelly, pollen and bee venom

Eligible Beneficiaries

All the beekeepers registered with the Apiculture Unit and beekeeping associations may apply for these funds.

All the beekeepers registered with the Apiculture Unit and beekeeping associations who have already obtained financial support on the same measures listed in the National Apiculture Program through Commission Regulation (EC) No. 1257/99 on support for the rural development or from the EAGGF funds, are not eligible.

Supporting Documents

(a) Copy of the Identity Card
(b) In the case of an Association, the statute and a list of associated members
(c) In case of an Association applying for funding under measure one (Technical assistance to Beekeepers and groupings of Beekeepers) a detailed Program of Activities and a Financial Plan. After the execution of the program an Evaluation Report should be presented.

Promozzjoni ta' Miżuri

Il-miżuri jiġu ppubblikati lill-applikanti interessati permezz ta':

(a) Avviż pubbliku mwassal mill-*media* lokali.

(b) Materjal informattiv li jista' jinkiseb mill-Unit ta' l-Apikoltura.

Il-Fondi Allokati

L-applikanti se jieħdu fondi skond id-dettalji ta' l-applikazzjoni tagħhom li huma eliġibbli taħt il-miżuri tal-programm. L-ammont ta' flus disponibbli, kif ukoll in-numru ta' applikazzjonijiet se jiġu kkunsidrati għal kalkolu tas-sussidju. Taħt l-ebda ċirkustanza l-ammont ta' flus allokati mil-UE u mil-Gvern ta' Malta ma jista' jaqbeż il-figuri li jidhru fit-tabella hawn taħt.

L-ammont totali ta' fondi allokati għal dawn il-miżuri huwa ta' 8268 Euro għas-sena 2007 u din is-somma ma tistax tinqabeż.

Promotion of Measures

The measures will be published to interested applicants by means of:

(a) Public announcement disseminated through the local media.

(b) Information material which can be collected from the Apiculture Unit.

Financial Provisions

Applicants shall be funded according to the details presented in their application which are eligible under the measures of the program. The funding limit and the number of applications will be taken in consideration for the calculation of the individual funding. Under no circumstance, the funding allocated by the EU and the Government of Malta will exceed the figures reported in the table below.

The total funding allocated for these measures for the year 2007 amounts to 8268 Euros. This sum cannot be exceeded

Tabella 1: Fondi allokati għall-kull miżura

Table 1: Funds allocation for each measure

Miżura *Measure*	Kontribuzzjoni KE Euro *EU Contribution* *Euro*	Kontribuzzjoni Gvern ta' Malta Euro *Gov. Malta Contribution* *Euro*	Total Euro *Total* *Euro*
1. Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u l-għaqdiet relatati *1. Technical assistance to beekeepers and groupings of beekeepers*	1152	1152	2304
2. Kontroll tal-*Varroa* *2. Control of Varroa*	1232	1232	2464
3. Għajnuna għat-trasport tan-naħal *3. Rationalization of transhumance*	58	58	116
4. Għajnuna għal-laboratorji li jagħmlu analiżi ta' l-għasel *4. Support for laboratories carrying out honey analysis*	1404	1404	2808
5. Għajnuna biex jiżdied in-numru ta' friegħ tan-naħal *5. Measures to support restocking of hives*	173	173	346
6. Riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti tan-naħal *6. Research in beekeeping and bee products*	115	115	230
Total: Euro ***Total: Euros***	4134	4134	**8268**

It-Taqsima ta' l-Apikoltura, f'isem id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u l-Aġenzija tal-Pagamenti, tista' tnaqqas persentaġġ mil-ammont ta' flus dovut bħala penali jekk tinstab xi diskrepanza fl-applikazzjoni u tista' wkoll titlob il-flus kollha lura mingħand l-applikant. Din in-notifika, bil-miktub, tkun effettiva mingħajr il-bżonn ta' proċeduri legali. It-Taqsima ta' l-Apikoltura m'hi se taċċetta ebda notifika ta' oġġezzjoni bil-miktub taħt l-ebda ċirkustanza.

Il-Monitoraġġ tal-Programm

It-Taqsima ta' l-Apikoltura hija responsabbli biex tikkoordina u tagħmel monitoraġġ tax-xogħol involut f'dan il-programm. Hija għandha tirċievi l-informazzjoni kollha neċessarja mingħand l-applikanti u se tkun responsabbli għall-evalwazzjoni ta' l-applikazzjonijiet u għall-ispezzjonijiet relatati.

Applikazzjoni

L-applikazzjonijiet se jkunu disponibbli biex jimtlew u jintbagħtu fiċ-Ċentru Nazzjonali ta' Riċerka u Żvilupp fl-Agrikoltura, l-Għammieri, il-Marsa u fl-Uffiċċju ta' l-IACS, Ministeru għal Għawdex mit-Tnejn, is-16 ta' Lulju sal-Ġimgħa, is-27 ta' Lulju, 2007 mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Applikazzjonijiet li jidħlu wara d-data ta' l-għeluq ma jiġux ikkunsidrati.

L-10 Lulju, 2007

The Apiculture Unit, on behalf of the Department of Agriculture and the Paying Agency, may affect a percentage reduction to the amount due as a penalty in case of a discrepancy in the application and may also claim a full refund from the applicant. This claim, which will be in writing, will be affective without resort to any legal proceedings. The Apiculture Unit under no circumstance will accept any written objection to the claim.

Monitoring of the Programme

The Apiculture Unit will be responsible for coordinating and monitoring the work involved in the programme. It shall receive regular feedback from the applicants and will be responsible for evaluation and inspections.

Applications

The applications will be available for filling in and submission at the National Agricultural Research and Development Centre, Ghammieri, Marsa, and at the IACS Office, Ministry for Gozo between Monday, 16th July and Friday, 27th July, 2007 between 8.00 a.m. and noon.

Applications submitted after the closing date will not be taken into consideration.

10th July, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Neurologist* b'interess fil-*Clinical Neurophysiology* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Neurologist* b'interess fil-*Clinical Neurophysiology* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant Neurologist* b'interess fil-*Clinical Neurophysiology* għandu salarju ta' Lm10,811 (€25,182.86) fis-sena (Skala ta' Salarju 4).

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Neurologist with an Interest in Clinical Neurophysiology in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Neurologist with an interest in Clinical Neurophysiology in the Health Division.

2. The post of Consultant Neurologist with an interest in Clinical Neurophysiology carries a salary of Lm10,811 (€25,182.86) per annum (Salary Scale 4).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-*out-patients*, jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Neurologist* b'interess fil-*Clinical Neurophysiology* tkun tifforma parti mid-Dipartiment tal-Mediċina u taqa' taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli għall-provvediment ta' servizzi speċjalizzati f'livell għoli ta' *clinical neurophysiology* fl-Isptar San Luqa, fl-Isptarijiet l-oħra u fis-servizzi tas-saħħa kif pprovduti mill-Gvern skond il-*policy* tad-Diviżjoni tas-Saħħa. Id-dmirijiet jinkludu:

i) *Clinical Neurophysiological investigations* u l-interpretazzjoni tagħhom, inkluż *electroencephalography, electromyography, nerve conduction studies* u *evoked potentials;*

ii) maniġġjar ta' *waiting lists* u ta' żamma ta' *records* korrespondenza relatata mas-servizz ta' *neurophysiology* flimkien ma xogħol ieħor li normalment isir bl-għajnuna ta' segretarju/a;

iii) sessjonijiet regolari ta' tagħlim u taħriġ mat-*technicians,* infermiera, studenti mediċi u tobba fuq ħwejjeġ relatati ma' *clinical neurophysiology;*

iv) parir fuq l-iżvilupp aktar tan-*neurophysiology unit;*

v) sehem regolari u kontribut fil-*Medical Grand Rounds;* laqgħat kliniċi u *clinicopathological conferences* organizzati mid-Dipartiment tal-Mediċina;

vi) kontribut fit-twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq biex jiġu assigurati kwalità tas-servizzi u verifika medika.

3.3. The working hours of the appointee will not necessarily be limited to morning duties but, in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions, including outpatients sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Consultant Neurologist with an interest in Clinical Neurophysiology will form part of the Department of Medicine and will be directly accountable to the Chairman of the Department of Medicine.

5.2. The appointee will be responsible to provide a high standard of specialist services in clinical neurophysiology at St.Luke's Hospital, other hospitals and the Health Services provided by the Government within the policy of the Health Division. Duties will include:

i) performance and interpretation of clinical neurophysio -logical investigations, including electroencephalography, electromyography, nerve conduction studies and evoked potentials;

ii) management of waiting lists, record keeping, correspondence relating to the neurophysiology service, together with other tasks normally undertaken with the support of secretarial staff;

iii) holding of regular teaching and training sessions with technicians, nurses, medical students and doctors in matters relating to clinical neurophysiology;

iv) advice on the further development of the neurophysiology unit;

v) regular participation in and contribution to Medical Grand Rounds, clinical meetings, and clinicopathological conferences organised by the Department of Medicine;

vi) contribution towards the establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.3. Il-persuna nominata tkun ukoll responsabbli għall-immaniġġjar kliniku tal-pazjenti. Dawn id-dmirijiet kliniċi jinkludu sessjonijiet ta' l-*outpatients* u l-provvediment ta' *consultant cover* flimkien mal-*consultant neurologists* eżistenti għall-emerġenzi fin-*neurology*. Meta l-persuna nominata tkun l-*Admitting Consultant on call* hi tkun meħtieġa li ddur is-sala filgħaxija biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul. L-ammont ta' ħin li għandu jiġi ddedikat għad-dmirijiet kliniċi jkun determinat b'konsultazzjoni maċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina.

5.4. Il-persuna nominata tkun trid tieħu sehem fil-programm ta' tagħlim jew taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inkluż l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikunu ta' l-ogħla livell possibbli.

5.6. Il-persuna nominata trid tassigura li l-kura tal-pazjent tkun fl-ogħla livell possibbli b'attenzjoni speċjali li x-xogħol isir b'mod xieraq, fil-ħin u b'kontinwità, inkluż kontinwità b'*medical records* miżmuma tajjeb u li faċilment jinstabu kif ukoll b'*discharge summaries* li jsiru fil-ħin.

5.7. Il-persuna nominata trid tippreżenta, flimkien mal-konsulenti l-oħra fl-ispeċjalità, rapport annwali liċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina dwar il-ħidma tal-*Unit*.

5.8. Il-persuna nominata tkun trid tagħti servizzi ta' konsulenza fir-*Rehabilitation Hospital*.

5.9. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjoni l-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

5.3. The appointee will also take responsibility for the clinical management of patients. These clinical duties will include outpatient sessions as well as the provision of consultant cover, together with the existing consultant neurologists, for neurological emergencies. When the appointee is the admitting Consultant on call, he/she is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen on the same day of admission. The amount of time to be dedicated to clinical duties will be determined in consultation with the Chairman of the Department of Medicine.

5.4. The appointee will be expected to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates as required and to involve himself/herself in ongoing research programmes.

5.5. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care, are of the highest possible level.

5.6. The appointee shall ensure the highest level possible of patient care with special attention to appropriateness, timeliness and continuity including continuity through well-maintained and easily followable medical records and timely discharge summaries.

5.7. The appointee together with other consultant/s in the speciality, shall present an annual report on the working of the unit to the Chairman of the Department of Medicine.

5.8. The appointee shall be required to provide consultancy services in the Rehabilitation Hospital

5.9. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f' Malta;

d) ikollhom :

JEW

(i) evidenza ta' eliġibbiltà ta' reġistrazzjoni bħala *"Specialist"* fil-*Neurology* fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (e.g. MRCP jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u sentejn esperjenza fil-*Neurology* fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-servizz pubbliku ta' Malta;

JEW

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina u ħames snin ta' esperjenza fin-*Neurology* wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of:

EITHER

(i) evidence of eligibility for specialist registration in Neurology in the European Union;

OR

(ii) a higher postgraduate qualification in General Medicine (e.g. MRCP or other appropriate comparable qualification) and two years experience in Neurology in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service,

OR

(iii) a higher postgraduate qualification in General Medicine and five years experience in Neurology following the attainment of the said higher postgraduate qualification.

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel

naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Divizjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mil-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (*Central European Time)* ta' nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' Awissu 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (*Central European Time)* ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Awissu 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-10 ta' Lulju, 2007

12. The prescribed application forms, together with a *curriculum vitae* indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 3rd August 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 3rd August 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

10th July, 2007

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Riżultat għall-Pożizzjoni ta' *Programme Manager* (*Charter Support*) fiċ-*Charter Support Unit*, *Staff Development Organisation*, Uffiċċju tal-Prim Ministru

Id-Direttur, *Staff Development Organisation*, Uffiċċju tal-Prim Ministru tgħarraf illi r-riżultat għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* ta' l-i*Staff Development Organisation*, 3, Pjazza Kastilja, Valletta u fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Lulju, 2007

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Result for the Position of Programme Manager (Charter Support) in the Charter Support Unit, Staff Development Organisation, Office of the Prime Minister

The Director, Staff Development Organisation, Office of the Prime Minister, notifies that the result for the above-mentioned position has been published and may be viewed on the notice-board at the Staff Development Organisation, 3, Castille Place, Valletta and on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th July, 2007

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultat għall-Post ta' *Senior Social Worker* fid-Dipartiment tal-Customer Services (*Child and Family Welfare*) fil-Ministeru għal Għawdex

Id-Direttur tal-Customer Services fil-Ministeru għal Għawdex jgħarraf illi r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Lulju, 2007

MINISTRY FOR GOZO

Result for the Post of Senior Social Worker in the Department of Customer Services (Child and Family Welfare) within the Ministry for Gozo

The Director of Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that the result for the above-mentioned post has been published and may be viewed on the notice-board at the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo and on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th July, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malta ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija tinħtieġ timla l-pożizzjonijiet ta':

Careers Guidance Coordinator (Permess ta' l-ETC Nru 198/2006)

Il-kandidat magħżul ikun mistenni li jidentifika l-karrieri preżenti u futuri u l-opportunitajiet ta' l-impieg għaż-żgħażagħ, u biex jippromwovi l-edukazzjoni vokazzjonali u programmi ta' taħriġ immexxija mill-MCAST.

Coordinator for International Programmes (Permess ta' l-ETC Permit 19/2007)

Il-kandidat magħżul ikun responsabbli biex jagħti bidu, jikkordina, jimmonitorjau jevalwa r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Kulleġġ u proġetti ffinanzjati permezz tal-firxa l-ġdida tal-programmi ta' l-UE.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-23 ta' Lulju 2007. L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani ta' l-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Amministrazzjoni, fil-Bini ta' l-Amminstrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-10 ta' Lulju, 2007

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the positions of:

Careers Guidance Coordinator (ETC Permit No. 198/2006)

The selected candidate will be expected to identify current and future careers and job opportunities for young people, and to promote the vocational education and training programmes run by MCAST.

Coordinator for International Programmes (ETC Permit 19/2007)

The selected candidate will be responsible for initiating, coordinating, monitoring and evaluating the College's international links and projects funded through the new range of EU programmes.

Prospective candidates are invited to submit the completed College Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 23rd July 2007, at noon. Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to the Chief Administration Officer at: Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

10th July, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza (Permess ta' l-ETC Nru. 103/2007)

Il-Kulleġġ Malta ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija tinħtieġ timla l-pożizzjonijiet ta':

Viċi Direttur – MCAST Institute ta' l-Inġinerija Mekkanika

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy (ETC Permit No. 103/2007)

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of:

Deputy Director – MCAST Institute of Mechanical Engineering

Il-kandidati għandu jkollhom:

1. Ta' l-anqas l-ewwel *degree* fl-Inġinerija Mekkanika,

2. Kwalifika relatata mal-*management* u/jew 5 snin f'pożizzjoni ta' *management*,

3. Ta' l-anqas 5 snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* relatat mas-suġġett prinċipali mgħallem fl-Istitut.

Il-Viċi Direttur għandu jkun:

1. kapaċi bl-provi biex jagħti motivazzjoni u jmexxi membri ta' tim biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi ta' l-MCAST,

2. juri inizjattiva, ikollu kapaċitajiet intraprenditorjali biex jgħin imexxi l-Istitut bħala unit effiċjenti u ta' valur għall-flus li jintnefqu,

3. Ikun kapaċi jaħdem f'tim, u jkun flessibbli jaqdi dmirijiet konnessi mat-tmexxija ta' kuljum ta' l-Istitut,

4. Ikun meħtieġ jaqdi dmirijiet li jiġu delegati lilu/ha u jagħmilha flok id-Direttur ta' l-Istitut.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-23 ta' Lulju 2007. L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani ta' l-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Amministrazzjoni, fil-Bini ta' l-Amminstrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-10 ta' Lulju, 2007

Candidates should possess:

1. As a minimum a first degree in Mechanical Engineering,

2. A management related qualification and/or 5 years in a management position,

3. A minimum of 5 years teaching/lecturing experience related to the main discipline taught at the Institute.

The Deputy Director will:

1. have proven ability to motivate and lead team members to achieve objectives set by the MCAST Board of Governors,

2. show initiative, possess entrepreneurial skills to help run the Institute as an efficient and cost-effective unit,

3. be able to work in a team, and be flexible in carrying out any duties connected with the day-to-day running of the Institute,

4. be required to perform duties as are delegated to him/her and deputise for the Director of Institute.

Prospective candidates are invited to submit the completed College Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 23rd July 2007, at noon. Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to the Chief Administration Officer at: Administration Building MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

10th July, 2007

KUNSILL LOKALI GŻIRA

Il-Kunsill Lokali Gżira jgħarraf li kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ħamis, Triq Gerry Zammit, il-Gżira, il-parti minn Triq Nazju Ellul sa Triq Gerry Zammit, se tkun magħluqa għat-traffiku u għalhekk ix-xuffiera huma mitluba jsegwu s-sinjali tat-traffiku u l-ordnijiet tal-Gwardjani Lokali. Dan l-avviż idum isseħħ sakemm joħroġ avviż ieħor.

L-10 ta' Lulju, 2007

GŻIRA LOCAL COUNCIL

The Gżira Local Council notifies that every Wednesday and Thursday, Triq Gerry Zammit, Gżira, the part from Triq Nazju Ellul up to Triq Gerry Zammit, will be closed for traffic. Therefore drivers are requested to follow the traffic directions and the instructions of the Local Wardens. This notice will remain in force until further notice.

10th July, 2007

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti Dipartimentali mogħtija mid-Diviżjoni tas-Saħħa matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju 2007.

SECTION: Projects

Provvisti/Servizzi *Supplies/Services*	Kuntratturi *Contractors*
Furniture for the new Blood Donation Centre	BIM Ltd
Analytical balance	Technoline Ltd
Heavy duty pharmaceutical refrigerators	I.M.S.S. Co. Ltd.
Physio dispenser unit	Bart Enterprises Ltd.
Heavy duty pharmaceutical freezer	Europharma Ltd
High suction control units	Krypton Chemists Ltd
Personal computers	IES Computers Ltd
Laser printers	VSS Ltd
Blood bag labels with printers on loan	Reactilab
Linear platelet agitator	Technoline Ltd
Plasma freezer	Europharma Ltd
Dental fractionated autoclaves	Bart Enterprises Ltd
Multi purpose vehicle	Continental Cars Ltd
VIE liquid oxygen tanks MDH	Multigas Ltd
Tablet counter	E J Busuttil Ltd
Internal alterations at Cospicua Health Centre	Rite Decor Ltd
Blood bank refrigerators	I.M.S.S. Co Ltd
Microplate reader/washer	Technoline Ltd

SECTION: Supplies

Provvisti/Servizzi *Supplies/Services*	Kuntratturi *Contractors*
Microbial testing of water	Quality Analysis Laboratory
Bacteriological and chemical analysis of water	Quality Analysis Laboratory
Toilet soap	V.J. Salomone Consumer Lines Ltd
Provision, maintenance and regular collection of open skips	Mr John Sant
Handwashing liquid soap	ECB Hotel & Catering Equipment
Handwashing liquid soap	Hotel Line Ltd
Uniforms for male nursing aides	Mr Mario Farrugia
Uniforms for female nursing aides	Mr Mario Farrugia
Cardigans for female and male nursing aides	Mr Mario Farrugia
Pre-soak alkaline cleaner	Vernon-Carus Ltd
Paper film rolls for packaging machine	Krypton Chemists Ltd
Brown x-ray wallets	J&A Bonnici Ltd
Stationery items	Golden Gate
Stationery items	Inserv Ltd
Stationery items	RGS Supplies Ltd
Stationery items	Miller Distributors Ltd
Interfold hand towels	KC Trading Ltd
Cleaning services blood donation area and the Mobile Blood Donation Unit	Salamander Janitor Services
Cleaning services at the National Blood Transfusion Centre	Salamander Janitor Services

HEALTH DIVISION

List of Departimental tenders awarded by the Health Division during the period between 1st January and 30th June 2007.

Analysis of purified water at the Haemodialysis Unit at St Luke's Hospital	Quality Analysis Laboratory
Analysis of purified water at the Haemodialysis Unit at St Luke's Hospital	CE.FI.T. S.r.l.
Flat plates	Rimus & Co Ltd
Double adjustable elbow crutches	Be Independent
Couch rolls	Krypton Chemists Ltd
Dish washing liquid	Panaco Marketing Ltd
Portable air cooling equipment	Engenuity Ltd
Vomiting bags	Inserv Ltd
Safety shoes for male nurses and nursing aides	Domeman Glove Ltd
Incontinece bed pads	Krypton Chemists Ltd
Theatre Clogs	Domemon Glove Ltd
